MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta’ estera ta’ The Performing Right Society Limited ta’Londra**

**vs**

**Xlendi Pleasure Cruises Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Hlas fl-ammont ta’ mija u erbatax Liri u tnejn u tmenin centezmi (Lm 114.82c) kwantu ghal Lm 99.84 Royalty dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja Nru.011547 (Dok “A”) rilaxxjata mis-Socjeta’ attrici a favur tal-konvenut rigwardanti il-“Gozo Princess”,u, Lm 14.98c Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perjodu mis-6 ta’ Lulju 2002 sal-5 ta’ Lulju, 2003.

Is-Socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Settembru 2002, kontra l-konvenut li huwa ingjunt sabiex jidher ghas-subizzjoni."

Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata izda la pprezentat risposta u lanqas deher xi rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu mit-Tribunal fis-27 ta' Marzu 2003 f'liema data kien iddekorra t-terminu.

Sema' d-deposizzjoni guramentata tal-PL Josette Attard, rapprezentanta tas-socjeta' attrici li kkonfermat li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u ra d-dokumenti esibiti;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' LM114.82c bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza relattiva sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, u tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Settembru 2002 a kariku tas-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------